



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 2051/2013 imressqa minn Martina Kurz, ta' ċittadinanza Ġermaniża, dwar il-fatt li l-limiti tad-diossidu tal-karbonju fl-arja nqabżu fil-belt ta' Reutlingen fil-Ġermanja

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta tilmenta li l-livelli permessi tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju fil-belt ta' Reutlingen jinqabżu tal-inqas 60 darba fis-sena u li l-miżuri li jittieħdu mill-belt ta' Reutlingen mhumiex biżżejjed biex inaqqsu dawn il-livelli. Għall-kuntrarju ta' dak li jiġri fi bliet oħra u f'pajjiżi oħra, il-politika tal-ipprezzar adottata fir-rigward tal-karozzi tal-linja ma tagħti lin-nies l-ebda inċentiv biex jużawhom.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-8 ta' Awissu 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Il-prevenzjoni tat-tibdil fil-klima hi projorità strateġika tal-Unjoni Ewropea. L-Unjoni Ewropea adottat qafas legali komprensiv għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ sabiex tiġġieled it-tibdil fil-klima. Il-miżuri legali fis-seħħ tal-UE ma jipprovdux għal-limiti fuq barra tas-CO₂.

Fir-rigward tat-tieni kwistjoni indikata mill-petizzjonant għandu jkun innotat li l-politika tal-ipprezzar tal-biljetti tal-kumpaniji tal-karozzi tal-linja hi kwistjoni għall-gvern lokali. Effettivament, filwaqt li numru ta' miżuri meħuda fil-livell tal-UE għandhom jgħinu lill-Istati Membri jnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂, bħall-istandards ta' emissjonijiet għal karozzi u

vannijiet ġodda, hi r-responsabilità tal-Istati Membri nfushom u tal-gvernijiet lokali li jimplimentaw politiki u miżuri li jillimitaw l-emissjonijiet minn setturi bħat-trasport, binjiet u skart.

Konklużjoni

L-ebda waħda minn dawn il-kwistjonijiet ma huma regolati fil-livell tal-UE u jidher li huma regolati mil-liġi nazzjonali.